MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 36/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Mattia Preti Ltd**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi s-socjeta' intimata giet notifikata b'Avviz ghall-ftehim datat 10 t' Ottubru 2002 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' madwar 304 metri kwadri li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' triq pubblica u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Paul Portelli huwa ta' tlieta u ghoxrin elf tlett mija u hamsin Lira Maltija (Lm23,350) kif jidher mir-rapport tal-PeritFred H. Valentino A&C.E. tal-31 t'Ottubru, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2002, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mija u hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm125,000).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi intimat kien oppona l-valur offert mill-Kummissarju tal-Artijiet u ressaq xhieda in sostenn tat-talba tieghu fil-valur tal-munita vigenti f'dak iz-zmien u cioe ta' Lm125,000. L-intimat ressaq ukoll diversi xhieda biex jipprova l-valur minnu rikjest inkluz dak kollu li sar fuq l-art sal-lum;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Joseph Mizzi u l-Perit AIC David Pace assenjati biex jassituh f'din il-kawza wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27 u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprejta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabbrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta bhala libera u franka, kif deskritta fid-dokumenti

esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ tmenin elf u mitt lira maltin (Lm80,100) [Euro 186,582.81]

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, wara l-istima unanima tal-membri teknici, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Birkirkara tal-kejl ta’ madwar 304 metri kwadri li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma’ triq pubblica u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Paul Portelli bil-kumpens ta’ Euro 186,582.81 (mija sitta u tmenin elf u hames mija u tnejn u tmenin euro u wiehed u tmenin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta’ Novembru fis-2.00 0pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------